MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Mandat Numru. 1731/2008/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1731/08 fl-ismijiet:

Kevin **MICALLEF**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u l-Kummissarju tal-Artijiet

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-1 ta’ Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti

żżomm lill-intimati milli "jneħħu jew iċaqalqu d-dgħajjes ossija opri tal-baħar bl-ismijiet "*Nomade*" u "*Captain Nemo*" minn ġewwa sit ossija parkeġġ ġewwa San Pawl il-Baħar u formanti parti mis-*Sirens Aquatic Club*, San Pawl il-Baħar;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2008, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament u ordnat in-notifika lill-intimati b'jumejn żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-4 ta' Novembru, 2008, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li dik it-talba la hija mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi u dan għaliex ir-rikorrent qiegħed jokkupa art li hija tal-gvern (parkeġġ pubbliku) u qiegħed jagħmel dan bla ebda jedd jew titolu li jiswa. Iżidu jgħidu wkoll li n-nuqqas ta' oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar għat-talba tar-rikorrent li jħalli l-imsemmija żewġ opri tal-baħar f'dak il-parkeġġ ma jissarrafx f'permess jew l-għoti ta' titolu min-naħa tal-istess Kunsill Lokali. Għall-kuntrarju, l-intimati jqisu l-imġiba tal-Kunsill Lokali bħala waħda lil tmur lil hinn mis-setgħat tiegħu (*ultra vires*) u saħansitra abbużiva. Iż-żewġ opri tal-baħar, fejn jinsabu, huma ta' periklu għan-nies li jkunu qribhom. Minbarra dan, il-Mandat mitlub mir-rikorrent ma jistax jinħareġ għaliex ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jilminta li l-intimati m'għandhomx jedd ineħħu ż-żewġ opri tal-baħar tiegħu minn fuq l-art li ttellgħu fuqha għaliex jgħid li ngħata l-permess biex jagħmel dan mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li taħt is-setgħat tiegħu jaqa' l-parkeġġ li d-dgħajjes tqiegħdu fih. Huwa jgħid li ttieħdu passi kontra tiegħu biss u ma ttiħdux passi bħal dan kontra sidien ta' opri tal-baħar oħrajn li wkoll tellgħu d-dgħajjes tagħhom fuq l-art mhux wisq 'il bogħod fejn hemm id-dgħajjes tiegħu. Fuq kollox, jgħid li d-dgħajjes tellagħhom l-art għal żmien qasir sakemm isewwihom minħabba ħsara li ġarrbu waqt maltempata. Itemm jgħid li jekk kemm-il darba d-dgħajjes kellhom jitniżżlu fil-baħar issa, dawn jegħerqu minnufih, filwaqt li, minħabba d-daqs tagħhom (partikolarment fil-każ ta' waħda minnhom, li hija *catamaran double hull* imdaqqas sewwa[1]) lanqas kieku jrid ineħħihom mill-post ma jkun jista' jgħaddi mit-toroq ta' San Pawl il-Baħar biex joħodhom band'oħra għaliex it-toroq m'humiex wesgħin biżżejjed;

Tqis li l-intimati jgħidu li t-talba tar-rikorrent ma jmisshiex tintlaqa' għaliex l-art hija fis-sewwa art tal-Gvern, u r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd jew titolu għaliha;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[2];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-

[1] Ara Dokti "MBB" sa "MBG", f'paġ. 14 tal-atti
[2] Art. 873(1) tal-Kap 12

diskrezzjoni tal-ġudikant[3]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[4];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[5]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[6] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-

---

[3] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[4] Art. 875(3) tal-Kap 12
[5] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[6] Art. 873(3) tal-Kap 12

Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis li fuq talba magħmula mir-rikorrent fit-18 ta' Ġunju, 2008, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar wieġeb fit-30 ta' Ġunju, 2008[7], biex jgħarrfu li ma jsibx oġġezzjoni li d-dgħajsa bl-isem "*Captain Nemo*" titħalla fuq l-art għal żmien ta' sitt (6) xhur taħt għadd ta' kundizzjonijiet li huwa kellu jħares. Ma jidher li ntalab u ma jidher li ngħata l-ebda ordni dwar id-dgħajsa l-oħra bl-isem ta' "*Nomade*";

Tqis li fil-5 ta' Ottubru, 2008[8], wara spezzjoni li saret fuq il-post mill-Pulizija, twaħħal avviż ma' kull waħda miż-żewġ dgħajjes b'ordni lil sidhom biex dawn jitneħħew minn fejn kienu;

Tqis li r-rikorrent, dak inhar stess, intebaħ bl-avviżi u mar minn rajh l-Għassa tal-Pulizija u għarrafhom bl-ittra li kienet intbagħtitlu mill-Kunsill f'Ġunju ta' qabel;

Tqis li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet innifsu xehed li "normalment li kieku dan l-individwu talab permess lid-dipartiment, aħna konna nikkunsidraw il-każ u konna wkoll inġibu l-*views* tal-*local council* u wisq probabbli konna nagħtuh permess għal perjodu temporanju biex ipoġġi dawn id-dgħajjes"[9]. Minn dan jidher li l-istess intimat qiegħed jagħti xhieda li d-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi lest li jinqeda biha b'mod raġonevoli jekk kemm-il darba r-rikorrent jirrikorri għandu b'talba xierqa;

[7] Dok "A", f'paġ. 2 tal-atti
[8] Dok "MBA", f'paġ. 13 tal-atti
[9] Xhieda tiegħu 10.11.2008, f'paġ. 17 tal-atti

Tqis li, minn dak li jirriżulta mill-atti u minn kostatazzjonijiet li l-Qorti għamlet fuq il-post, (i) l-intimati iddikjaraw li jridu jwettqu dak li r-rikorrent b'dan ir-rikors irid iżommhom milli jagħmlu; (ii) iż-żewġ opri tal-baħar jokkupaw naħa mwarrba u għal kollox imtarrfa tal-wesgħa ta' art li tintuża bħala parkeġġ; (iii) jekk kemm-il darba ż-żewġ opri tal-baħar kellhom jitniżżlu fil-baħar fil-qagħda u l-kundizzjoni li jinsabu fiha, jegħerqu minnufih; (iv) żgur ma jistax jingħad li, bħal dawn ix-xhur tas-sena meta ntemm l-istaġun tal-għawm, l-istess opri tal-baħar jistgħu jkunu ta' ħsara jew periklu għal min jinżel jgħum f'dawk l-inħawi; (v) l-ħsara li sejjer iġarrab ir-rikorrent kieku kellu jniżżilhom il-baħar issa tkun sproporzjonata mal-vantaġġ li jinkiseb bit-twettiq minnufih tal-Ordni ta' Żgombru; u (vi) li dak li ġara lir-rikorrent hu li nqabad bla ħtija f'nuqqas ta' ko-ordinament amministrativ bejn l-intimati u l-Kunsill Lokali tal-post, wara li qabel ma nħarġet xi ordni mill-intimati, kien dar lejn l-awtorita' lokali li kellu kull jedd jaħseb li setgħet tagħti l-approvazzjoni tagħha għall-bżonn temporanju li sab ruħu fih;

Tqis, għalhekk, li r-rikorrent seħħlu juri l-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat;

Tqis, iżda, li r-rikorrent jistqarr li huwa m'għandu l-ebda titolu jew jedd fuq l-art li fuqha ttellgħu ż-żewġ opri tal-baħar. Mhux hekk biss, imma jgħid li l-art qiegħed jokkupaha biss għal ftit taż-żmien sakemm isewwi ż-żewġ opri tal-baħar, wara li ntlaħaq ftehim mal-kumpannija assikuratriċi tiegħu biex tikkumpensah għall-ħsara li dawn ġarrbu waqt maltempata xi xhur ilu[10];

Tqis, għalhekk, li l-prekarjeta' tal-okkupazzjoni ma hija titolu xejn u dan jidher imqar mad-daqqa t'għajn;

Tqis li l-argument tar-rikorrent fis-sens li l-intimati ma talbux lil ħaddieħor ineħħi d-dgħajsa tiegħu ma jiswa xejn biex jagħti jedd lir-rikorrent;

[10] Xhieda tar-rikorrent 10.11.2008, f'paġġ. 31 – 3 tal-atti

Tqis li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33(1)(d) tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta ma jwaqqgħux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'kull każ, ma jidhirx li l-ittra maħruġa mill-Kunsill tikkostitwixxi permess, imma biss nuqqas ta' oġġezzjoni;

Tqis li għalhekk ma jirriżultax wieħed mill-elementi meħtieġa biex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub u dan għaliex ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tirrevoka** u tħassar id-degriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2008, *contrario imperio* safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, l-24 ta' Novembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------